**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, il-Gimgha, 29 ta' Jannar 2021**

**Rikors Guramentat numru:- 62/2019BS**

**L-Avukat Dottor Andrew Sciortino ghan-nom u in rapprezentanza ta' Frances Victoria sive Frances Maria-Victoria Salvina Fuller-Pace, kif debitament awtorizzata in forza ta' prokura hawn immarkata bhala Dok 'A'**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku Ghal Ghawdex**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn l-attur nomine ppremetta:

1. Illi l-attrici Frances Victoria Fuller-Pace twieldet fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u hamsin (1957), liema twelid huwa registrat fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, ir-Rabat, Ghawdex, fl-Atti tat-Twelid u r-Registru ta' Persuni Addottati, bin-numru sitt mija u erbgha u erbghin zbarra elf, disa' mija u sebgha u hamsin (644/1957), hawn anness u mmarkat bhala Dok 'B'.
2. Illi l-att tat-twelid relattiv ghat-twelid ta' l-attrici huwa skorrett fis-sens illi fil-kolonna ntestata "Isem il-Wild", l-isem ta' l-attrici huwa ndikat bhala "FRANCES MARIA-VICTORIA SALVINA", meta fil-fatt dan ghandu jkun indikat bhala "FRANCES VICTORIA".
3. Illi l-attrici kif rapprezentata kienet dejjem maghrufa b'dan il-mod.

4. Illi l-attrici trid illi l-isem taghha jigi kkoregut b'tali mod illi fejn tinkorri l-isem "Frances Maria-Victoria Salvina" dan ghandu jigi sostitwit bl-isem "FRANCES VICTORIA".
5. Illi fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elf, disa' mija u tlieta u tmenin (1983) fir-*Registers of Scotland* giet pprezentata dikjarazzjoni ghar-registrazzjoni fil-*'Books of Lords of Council and Session'* fejn l-attrici rrinunzjat mill-uzu ta' l-isem 'Frances Maria-Victoria Salvina Pace' ghall-isem 'Frances Vctoria Fuller-Pace', u li kopja taghha qed tigi hawn annessa bhala dokument 'C'.
6. Illi in oltre dan jista' jigi wkoll ikkonfermat mill-passaport ta' l-attrici mahrug mir-Renju Unit bin-numru hamsa tlieta tnejn wiehed tnejn tlieta erbgha sebgha tlieta (532123473) mahrug nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elfejn u hmistax (2015) u li jiskadi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Frar tas-sena elfejn u sitta u ghoxrin (2026), fejn kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok 'D'.
7. Illi l-attrici trid illi ssir id-debita korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid taghha, b'mod illi c-certifikat tat-twelid taghha jigi jaqbel mar-realta' u mal-verita', u dan stante illi l-attrici qed ikollha diversi problemi kull meta tigi biex tipprovdi c-certifikat tat-twelid taghha.
8. Illi din id-dikjarazzjoni qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament ta' l-Avukat Dottor Andrew Sciortino noe li ghandu konoxxenza vera u proprja tal-fatti susesposti.

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru sitt mija u erbgha u erbghin zbarra elf, disa' mija u sebgha u hamsin (644/1957), relattiv ghat-twelid ta' Frances Victoria Fuller-Pace, huwa skorrett fis-sens fuq spjegat.
2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni ta' l-att fuq imsemmi billi kull fejn l-attrici tinkorri l-isem "FRANCES MARIA-VICTORIA SALVINA" dan ghandu jigi sostitwit bl-isem "FRANCES VICTORIA".

Bl-ispejjez kollha u bl-ingunzjoni tal-kovnenut minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Registru Pubbliku ta' Ghawdex fejn espona u bil-gurament ikkonferma:

1. Illi preliminarjament, a tenur ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, qabel is-smiegh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern;
2. Illi l-bidla jew korrezzjoni ta' isem taht l-artikolu 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta mhijiex xi mizura ordinarja li hija miftuha ghall-inizjattiv diskrezzjonali ta' l-individwu. Ghall-kuntrarju din ix-xorta ta' azzjoni hija mizura straordinarja ghal skopijiet pubblici ntiza esklussivament biex telimina mill-imhuh tan-nies kull possibilita' ta' konfuzjoni u dizordni dwar l-identifikazzjoni ta' dak jew dik l-indvidwu. Kwindi l-awtorizazzjoni gudizzjali ta' bidla fl-isem m'ghandhiex tigi koncessa ghaliex ir-rikorrenti sempliciment tixtieq tbiddel isimha, izda tali awtorizazzjoni ghandha tinghata biss jekk jirrizulta li din mehtiega assolutament ghall-esigenza pubblika;
3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti li gew dikjarati fir-rikors guramentat u fid-dokumenti hemm mehmuza;
4. Illi finalment u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir da parti ta' l-esponenti, u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li billi saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi fl-24 ta' Jannar, 2020, il-konvenut irtira l-ewwel eccezzjoni.

Rat illi fl-24 ta' Gunju, 2020 l-attur ipprezenta affidavit ta' John Pace u ddikjara l-provi tieghu maghluqa.

Rat illi fis-6 ta' Jannar, 2020 il-kawza thalliet ghas-sentenza *in diffetto ostacolo.*

**Ikkunsidrat.**

Illi l-attur nomine fir-rikors qed jaghmel din it-talba ai termini tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghti dritt li kull persuna taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet u registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili.

Mill-atti jirrizulta li d-debita pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 saret.

Illi mill-provi jirrizulta wkoll bl-aktar mod car illi Frances Maria-Victoria Salvina minn dejjem kienet maghrufa bhala Frances Victoria u infatti kulhadd isejjhilha b'dak l-isem. Hadd ma juza l-isem kif imnizzel fuq fic-certifikat tat-twelid.

In vista ta' dawn il-fatti il-Qorti u fid-dawl li ma kien hemm ebda oppozizzjoni da parti tal-konvenut ghat-talbiet ta' l-attur nomine tqis li t-talbiet ta' l-atturici ghandhom jigi milqugha.

Billi ma jirrizultax xi tort jew nuqqas da parti tal-konvenut allura dan m'ghandux ibati spejjez.

**Decide.**

**Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-kawza billi:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-att tat-twelid bin-numru sitt mija u erbgha u erbghin zbarra elf, disa' mija u sebgha u hamsin**

**(644/1957), relattiv ghat-twelid ta' Francis Victoria Fuller-Pace huwa skorett.**

2. **Tilqa' t-tieni talba u tordna l-korrezzjoni tal-att fuq imsemmi billi kull fejn l-attrici tinkorri l-isem "Frances Maria-Victoria Salvina" dan ghandu jigi sostitwit bl-isem "Frances Victoria".**

**L-ispejjez ta' din il-kawza huma a karigu ta' l-attrici.**

(ft.) Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur